MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Gżira

# IS-SEBGĦA LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 71

[Nhar l-Erbgħa 16 ta' Jannar 2019]

Il-Kunsilli Lokali l-Gżira ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 283/1 Rue D'Argens, il-Gżira], fil-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Conrad Borg Manche – Sindku
Ralph Mangion– Viċi Sindku
Neville Chetcuti – Kunsillier
Jeremy Cardona– Kunsillier
Wayne Hewitt – Kunsillier
Graziella Attard Previ – Kunsilliera

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

N/A

ASSENTI

N/A

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Anthony Attard – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku ppreseda l-laqgħa fis-5.30pm.

## 71.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

71.1.1 Ma kien hemm l-ebda ittri ta' apoloġiji

## 71.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

71.2.1 B'referenza għal punt 69.2.2 is-Segretarju Eżekuttiv qal illi bagħat reminders lil street naming committee biex jgħidu għalfejn ma qablux mal-proposti tal-Kunsill. Il-kunsillier Neville Chetcuti qal illi fuq social media kien hemm rikjesti biex jinbidlu ismijiet oħra. Is-Sindku fakkar illi dawn għandom jaslu l-Kunsill biex nieħdu azzjoni.
Il-kunsillier Wayne Hewitt għamel referenza għas-suġġeriment li kien għamel fl-attivita ta' Jum il-Lokal biex issir bust f'isem is-sur Anthony Scicluna. Is-Sindku qal illi hemm bzonn isir bħal m'għamel ħaddieħor qabel fejn ikun hemm grupp ta' nies illi jieħdu ħsieb donazzjonijiet. Fejn possibli nagħtu l-assistenza tagħna.

71.2.2 B'referenza għal punt nrt 69.2.5, is-Segretarju Eżekuttiv qal illi reġa bagħat lil liason officer.

71.2.3 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi c-CfQ għal Multi Sensory Purpose Room lesta.

71.2.4 B'referenza għal punt nru 69.6.6 is-Segretarju Eżekuttiv ikkonferma li x-xogħol kwazi lest. Qal illi l-kuntrattur se jkompli bil-bankini li ġew approvati fis-sena 2018 [Manoel de Vilhena u triq ir-Rebħa]

71.2.5 B'referenza għal punt 69.6.9, is-Segretarju Eżekuttiv qal illi bagħtna ittra legali.

71.2.6 Il-Minuti ġew approvati

## 71.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti [nos 70]

71.3.1 Il-Minuti ġew approvati

## 71.4 Korrespondenza mas-Sindku

71.4.1 Assikurazzjoni tal-flus: Il-Kunsill qabel illi nħallsu l-ammont dovut lil AKL.

71.4.2 HSBC: Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-HSBC qegħdin jiċċarġjaw l-ammont ta' €27 kull xahar bħala maintenance fee. Wara diskussjoni l-Kunsill qabel illi nagħmlu laqgħat ma' banek oħra jekk se jibdew jieħdu izjed flus mill-kont tagħna.

## 71.5 Mistoqsijiet tal-kunsilliera

71.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi rċieva mistoqsija mingħand il-kunsilliera Graziella Attard Previ.

***Has the Local Council of Gzira be informed by Midi of any changes to the structural plan of the development of Manoel Island, since our last meeting at Midi Offices before Summer 2018?"***

Is-Sindku qal illi fil-Guardianship Agreement kienu waslu għal kompromess fuq il-building heights u l-open spaces. Qal illi fil-ġimgħat illi għaddew, mexxew il-pozizzjoni [mill-yard san-naħa ta' Ta' Xbiex] ta' ċerti bini izda l-building heights huma l-istess.

Kien hemm diskussjoni wkoll fuq il-petizzjoni li waslet għand il-Kunsill minn naħa ta' ċerti residenti. Is-Sindku qal illi sentejn ilu għamel l-istess tip ta' pressjoni u kellu bzonn l-istess appoġġ mingħand in-nies. Fakkar illi l-Master Plan tibqa in vigore. Bil-passi li ttieħdu sentejn ilu, minflok ħames sulari issa se jibnew mhux izjed minn erbgħa. Dejjem xtaq illi jkun hemm park madwar Manoel Island izda ħadd ma jista jneħħi d-dritt tal-MIDI biex jibnu.

Il-kunsilliera Graziella Attard Previ qalet illi hemm residenti li ħasbu li se jmorru kontra l-ftehim u se tieqaf kollox. Il-kunsillier Wayne Hewitt qal illi ħadd mill-Kunsill ma qal hekk.

Fuq il-punt ta' Land Reclamation is-Sindku qal illi ilha minn 1994 fil-Master Plan.

Il-kunsillier Neville Chetcuti rrimarka li ħafna mill-ilmenti qegħdin isiru minħabba l-veduta li se tintilef għal dawk illi joqogħdu fil-flats tax-Xatt. Is-Sindku rrimarka li l-izvillupatur għandu dritt biex jibni, anka jekk kontra qalb il-Kunsill, u min bena l-flatijiet tax-Xatt neħħa għal kollox l-veduta ma min kien jgħix fit-toroq li jaslu għax-Xatt.

Il-kunsilliera Graziella Attard Previ staqsiet jekk hemm possibilta li ssir laqgħa pubblika. Is-Sindku qabel izda għanda ssir meta nkunu nafu l-ġurnata tas-sitting quddiem il-PA. Qal ukoll illi n-nies għandom ikunu jafu l-fatti u li għamel sitt xhur riċerka qabel ma ħa l-ewwel passi fis-sena 2016. Qal ukoll illi ma qabilx ma min qal illi l-Kunsill qed jirressisti lil pressure group meta qatt m'għamlu talba biex niddiskutu l-affarijiet. Fuq dan il-punt il-kunsillier Wayne Hewitt ukoll irrimarka li ħadd ma kellu dritt jikteb illi l-Kunsill qed joġġezzjona peress illi qatt ma konna ddiskutejna l-affarijiet li ħarġu biss via l-midja soċjali u gazzetti.

## 71.6 Rapporti

71.6.1 **Performance Appraisal**: Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-approvazzjoni l-appraisal tal-istaff fejn irrakkomanda li jieħdu l-full entitlement. Il-kunsill qabel.

71.65.2 **Thermoplastic:** Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi rċevejna bid mingħand kuntrattur wieħed biss għas-CfQ għall-prezz ta' €5100. Il-Kunsill qabel.

71.6.3 **Siġġu vakanti**: Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi m'hemm l-ebda updates. Il-kunsillier Neville Chetcuti qal illi sema li l-persuna se tintgħazel mill-partit. Is-Sindku qal illi aħna imxejna ma dak illi hemm miktub fil-liġi.

71.6.4 **Kumpens:** Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi tkellem mall-avukat fuq it-talbiet illi nirċievu biex inħallsu kumpens għall-ħsarat fuq vetturi. L-avukat ħareġ bl-idea li min ikun qed jagħmel it-talba għall-kumpens iġibi miegħu dikjarazzjoni li jieħu quddiem Kummissarju tal-ġuramenti.

71.6.5 **Attivitajiet 2019**: Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-approvazzjoni l-lista ta' attivitajiet għas-sena 2019 fejn ta rendikont għal dawk illi għandna fondi għalihom, fost oħrajn. Il-Kunsill talab izjed ħin biex jaraw x'attivitajiet hemm. Se tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

## 71.7 *Items* oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

71.7.1 Literacy Room: Is-Sindku ressaq talba li nagħmlu literacy roomfil-lokalita. Qal illi bħala Kunsill għandna bzonn nixtru AC, tapit u ftit equipment. Qal illi b'€2000, wara li għamel riċerka, għandna nixtru dak kollu li għandna bzonn. Il-kunsill qabel.

71.7.2 Wage roll: Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi għandna bzonn nagħmlu migration tad-data tal-Wageroll peress illi s-sistema li nuzaw mhux se tkompli tintuza. Qal illi rċieva stima ta' €240. Il-Kunsill qabel.

## 71.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

71.8.1 Il-Kunsill approva l-iskeda tal-pagamenti.

## 71.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

71.9.1 Il-laqgħa intemmet fit-8.30pm u ġiet aġġornata għad- 19 ta' Frar fil-5.30pm.

Konfermati, illum it-Tlieta 19 ta' Frar 2019.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Conrad Borg Manche<br>Sindku | Anthony Attard<br>Segretarju Eżekuttiv |